Passaport Falz – Kap. 61, Art. 5 – Falsifikazzjoni – Kap. 9, Art. 189 – Uzu ta' dokument iffalsifikat – Kap. 217, Art. 32(1)(f)

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

MAGISTRAT
**Dr. Victor George Axiak LL.D. Dip. Tax**

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2020

**L-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni**
(Spettur Frankie Sammut)

***vs***

**Borma Mohamed Mohamed**
(Pol. No. 19BB-041)

**Il-Qorti,**

1. Rat li Borma Mohamed Mohamed ta' 28 sena, ta' nazzjonalita' Sudaniza, iben Borma u Hawa, residenti fic-Centru Miftuh ta' Hal-Far u detentur tan-numru tal-pulizija bin-numru 19BB-041, gie mressaq taht arrest quddiem u gie akkuzat bis-segwenti:

    1. *"Talli fid-29 ta' Lulju 2020 u/jew fil-granet ta' qabel f'Malta ffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'passaport jew dokument jew uża jew kellu fil-pussess tiegħu xi passaport jew dokument, li hu kien jaf li ġew iffalsifikati, imbiddla jew li sar xi tibdil fihom (Kap 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta' Malta)."*

2. *“Kif ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra ffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (<u>Kap. 9, Sec 189 tal-Ligijiet ta’ Malta</u>)”*

3. *“Kif ukoll talli matul 1-istess zmien, lok u cirkostanzi, minghajr awtorita’ leġittima, uża jew kellu fil-pussess tieghu xi dokument, meħtieġ għall-finijiet ta’ dan l-Att, li kien falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1)(f) tal-Liġijiet ta’ Malta).*

2. Rat id-dokumenti esebiti.

3. Rat li l-imputat ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

4. Rat illi wara li l-Qorti fissret lill-imputat il-konsegwenzi ta’ tali ammissjoni u tatu zmien biex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu, l-imputat kkonferma tali ammissjoni.

**Ikkunsidrat**

5. Illi l-imputat gie arrestat mill-Pulizija tal-Immigrazzjoni ġewwa s-Seaport ta’ Malta filwaqt li kien qieghed jipprova jitlaq lejn Sqallija bil-*catamaran* u dan fuq suspett ragjonevoli illi huwa kien qieghed fil-pussess ta’ passaport u permess ta’ residenza li kienu falsifikati.

6. Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu fir-rigward tal-uzu u/jew falsifikazzjoni ta’ dawn id-dokumenti li mill-investigazzjonijiet relattivi rriżultaw li huma foloz. L-akkuzi ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

7. Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li gew ammessa u l-ammissjoni fl-istadju inizjali ta’ dawn il-proceduri u ma’ tarax li ghandha ghalfejn tmur oltre l-piena minima.

**Decide**

8. **Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli rilevanti tal-ligi (Kap. 61 Art. 5, Kap. 9 Art. 17, Art. 31, Art. 37(2), Art. 189, Kap. 217 Art. 32(1)(f)**

**tal-Ligijiet ta' Malta) issib lill-imputat hati u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sitt (6) xhur.**

*(ft.)* **Dr. Victor George Axiak**
**Magistrat**

*(ft.)* **Yesenia Marie Pace**
**g/Deputat Registratur**